

Talbiet tar-rikorrenti

- l-annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, tal-15 ta' Marzu 2007, kawża R 1249/2006-1, li tiċħad ir-reġistrazzjoni tat-*trade mark* Komunitarja tagħha CYBERHOME Nru 4 114 666 għal parti mill-prodotti u s-servizzi fil-klassijiet 9, 36 u 38;
- ir-reġistrazzjoni tat-*trade mark* Komunitarja CYBERHOME Nru 4 114 666 għall-prodotti u s-servizzi imsemmija.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: *Trade mark* verbali "CYBERHOME" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 36 u 38 (applikazzjoni Nru 4 114 666)

Deċiżjoni ta' l-eżaminatur: Ir-reġistrazzjoni ġiet miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Ir-rikors ġie miċħud

Motivi invokati: Ir-rikorrenti tqis, kuntrarjament għal dak li kkonstata il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI fid-deċiżjoni kkontestata, li t-*trade mark* tagħha hija arbitrarja u għandha karattru distintiv biżżejjed kif mitlub mir-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94⁽¹⁾ fir-rigward tal-prodotti u tas-servizzi msemmija.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-*trade mark* Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

Rikors imressaq fit-23 ta' Mejju 2007 — Anvil Knitwear, Inc. vs L-UASI — Aprile e Aprile (Aprile)

(Kawża T-179/07)

(2007/C 170/62)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Anvil Knitwear, Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: G. Würtenberger, T. Wittmann, avukati, u R. Kunze, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade marks* u Disinni)

Parti l-oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Aprile e Aprile Srl (Frazione Funo, l-Italja)

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell tat-22 ta' Marzu 2007 fil-każ R 1076/2006-2, rigward l-oppożizzjoni

bbażata fuq ir-reġistrazzjoni għal *trade mark* Ġermaniża Nru 30 011 766 "ANVIL" kontra l-applikazzjoni għat-*trade mark* Komunitarja Nru 3 800 232 "Aprile" u d-disinn tagħha;

- tilqa' l-oppożizzjoni kontra l-applikazzjoni għat-*trade mark* Komunitarja Nru 3 800 232 "Aprile" u d-disinn, u tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-*trade mark* Komunitarja Nru 3 800 232 "Aprile" u d-disinn tagħha;
- tikkundanna lill-konvenut ibati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-*trade mark* Komunitarja*: Aprile e Aprile Srl

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-*trade mark* figurattiva "Aprile" għal prodotti fil-klassi 18 u 25 — applikazzjoni Nru 3 800 232

*Proprietarju tat-*trade mark* jew tas-sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni*: Ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: It-*trade mark* nazzjonali verbali "ANVIL" għal prodotti fil-klassi 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: Ċaħda ta' l-oppożizzjoni sħiħa

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Ċaħda ta' l-appell

Motivi invokati: Ksur ta' l-Artikoli 8(1), 73 u 74 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, peress li l-Bord ta' l-Appell ma evalwax l-aspetti ta' l-identità parzjali u tax-xebh parzjali bejn il-prodotti in kwistjoni, kif ukoll il-karattru iktar distintiv tat-*trade mark* preċedenti. Barra minn hekk, il-Bord ta' l-Appell ma semmiex ir-raġuniet li fuqhom ibbaża d-deċiżjoni tiegħu, la b'mod oġġettiv u lanqas mingħajr preġudizzju, u lanqas ma ħa debitament in kunsiderazzjoni l-fatti mhux ikkontestati tal-proċeduri.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2007 — Eurocopter vs L-UASI (STEADYCONTROL)

(Kawża T-181/07)

(2007/C 170/63)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Eurocopter (Marignane, Franza) (rappreżentant: E. Soler Borda, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade marks* u Disinni)